31999D0507

L 194/66 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.7.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Lulju 1999

fuq ċerti miżuri protettivi rigward ċerti friefet-il-lejl tal-frott, klieb u qtates ġejjin mill-Malasja (Peniżola) u l-Awstralja

(notifikata bid-dokument numru C(1999) 2467)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/507/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabilixxi il-prinċipji li jmexxu l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], kif emendati l-aħħar bid-Direttiva 96/43/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 18(1) tagħha,

(1) Billi l-kundizzjonijiet prinċipali ta' saħħa ta' annimali li jridu jiġu mħarsa mill-Istati Membri meta jimportaw minn pajjiżi terzi klieb, qtates u annimali oħra li jistgħu ikollhom ir-rabja huma stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE [3]; billi madankollu iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad m'hiex armonizzata;

(2) Billi każi fatali ta' marda *Hendra* u marda *Nipah* fil-bniedem ġew rappurtati rispettivament fl-Awstralja u l-Malasja;

(3) Billi friefet-il-lejl tal-frott tal-ġeneri *Pteropus* huma kkunsidrati li jrabbu naturalment virus tal-marda *Hendra* u rinomati li jżommu fihom kwantità ta'virus tal-marda *Nipah*; billi madankollu dawn il-mammiferi ma jurux sinjali kliniċi ta' mard u jistgħu jżommu l-virus flimkien ma antikorpi li jinnewtraliżżawh;

(4) Billi il-friefet-il-lejl tal-frott huma kulltant importati minn pajjiżi terzi; billi sakemm ikun hemm il-kundizzjonijiet tal-Komunità tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' friefet-il-lejl tal-frott, jidher neċessarju li jkun hemm ċerti miżuri protettivi rigward il-mard *Hendra* u *Nipah*;

(5) Billi l-marda *Hendra* tista' tittieħed mill-qtates, u klieb u qtates jistgħu jieħdu l-marda *Nipah*; billi l-esposizzjoni għall-virus rispettivi tnissel serokonverżjoni f'annimali morda u konvalexxenti, li tista' tiġi mikxufa b'test tal-laboratorju,

(6) Billi l-presenza ta' din il-marda zoonotika fil-pajjiżi fuq imsemmija tista' tkun ta' periklu għal persuni u annimali suxxettibbli fil-Komunità;

(7) Billi hu neċessarju li jiġu adottati miżuri protettivi fil-livell tal-Komunità rigward importazzjoni ta' friefet-il-lejl tal-frott, klieb u qtates mill-Malasja (Penisola) u l-Awstralja;

(8) Billi din id-deċiżjoni taqbel mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-importazzjoni ta' friefet-il-lejl tal-frott tal-ġeneri Pteropus mill-Malasja (Penisola) u l-Awstralja hi projbita.

2. Derogazzjoni mill-paragrafu 1 u minghajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, friefet-il-lejl tal-frott tal-ġeneri *Pteropus* jistgħu jiġu importati b'dawn il-kundizzjonijiet:

— l-annimali jkunu ġejjin minn kolonji fejn ikunu miżmuma, u

— l-annimali jkunu nżammu f'post ta' kwarantina għal mill-inqas 60 jum, u

— l-annimali jkunu ġew sottomessi b'riżultat negattiv għal newtralizzazzjoni ta' serum jew test *ELISA* approvat għal antikorpi kontra virus ta' mard *Hendra* u *Nipah*, magħmula f'laboratorju approvat għal testijiet bħal dawn mill-awtoritajiet kompetenti minn demm meħud darbtejn b'intervall ta' minn 21 sa 30 jum, it-tieni kampjun ikun meħud sa 10 jiem qabel l-esportazzjoni.

Artikolu 2

1. L-importazzjoni ta' klieb u qtates mill-Malasja (Penisola) hi pprojbita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 klieb u qtates jistgħu jiġu mportati b'dawn il-kundizzjonijiet:

— l-annimali ma kellhomx kuntatt ma' ħnieżer matul almenu 60 jiem ta' qabel l-esportazzjoni, u

— l-annimali ma kienux joqogħdu f-postijiet fejn matul l-aħħar 60 jum ġew konfermati każi ta' marda *Nipah*, u

— l-annimali ġew sottomessi b'riżultat negattiv għal test *IgM* u test *IgG ELISA* magħmula f'laboratorju approvat għal testijiet ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda *Nipah* mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti fuq demm meħud sa 10 jiem qabel l-esportazzjoni.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, p. 1.
[3] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.

Artikolu 3

1. L-importazzjoni ta' qtates mill-Awstralja hi pprojbita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 qtates jistgħu jiġu mportati b'dawn il-kundizzjonijiet:

— l-annimali ma' kienux joqogħdu f'postijiet fejn fl-aħħar 60 jum gew konfermati każi ta' marda *Hendra,* u

— l-annimali ġew sottomessi b'riżultat negattiv għal test *IgM* u test *IgG ELISA* magħmula f'laboratorju approvat għal testijiet ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda *Hendra* mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti b'demm meħud sa 10 jiem qabel l-esportazzjoni.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw rigward il-Malasja (Penisola) u l-Awstralja biex iġibuhom jaqblu ma' din id-Deċiżjoni.

Huma għandhom jinformaw b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni